KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 59** **Tlieta 11 t'April 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier
George Borg – Kunsillier
Anna Galea - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Dott. Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
Mario Victor Camilleri – Kunsillier

**ASSENTI:**
Mikhail Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Rapa, Gatt u Camilleri. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Rapa, Gatt u Camilleri.

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 58**
**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni biex tintalab approvazzjoni biex il-ġnien Ikun devoluti, ntbagħtu lid-DLG u qed nistennew approvazzjoni. Kif nirċievu l-approvazzjoni, napplikaw mal-Lands Authority għad devoluzzjoni.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**
Is-Sindku nforma li għandu laqgħa mal-Ministru Stefan Zrinzo nhar is-26 t'April biex jiddiskuti l-possibbiltà biex il-Public Works jidħlu għal proġett ta' Mlit, jekk ma naslux nkomplu bl-arbitraġġ.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Is-Sindku nforma li kull ma fadal *snag list,* bażijiet ta' l-arbli tad-dawl li ser jsiru b'xejn min Infrastructure Malta (IM), kif wkoll il-pajpijiet għad-dawl ta' l-arbli.

Il-Kunsillier Deguara staqsa għalfejn min *two-lane,* t-triq tal-Pont saret *one-lane.* Is-Sindku nforma li saret hekk minħabba li IM introduċew *bike lane* fuq kull naħa tat-triq tal-pont. Difiża Ċivili wkoll djieqet u saret *one lane* kull karreġġata minħabba li ġiet introdotta wkoll *bike lane.* Is-Sindku f'isem il-Kunsill informa li l-opinjoni tiegħu ma IM kienet illi filwaqt li jifhem li *bike lane* hija llum mezz ieħor ta' trasport li għandna nħarsu lejh, madankollu minħabba l-ammont ta' traffiku direzzjoni lejn Naxxar biex joħroġ għal Vjal Ragusa, huwa tal-opinjoni li l-karreġġata lejn Naxxar għandha tkun *two lane* u *bike lane*, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra direzzjoni lejn Difiża Ċivili l-karreġġata għandha tkun *one lane* bla *bike lane*. Wara kollox Difiża Ċivili għandha wkoll naħa waħda biss li fiha *bike lane*.

Fis 6:35pm daħal għal laqgħa l-Kunsillier Keith Cassar.

Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk fi Vjal Ragusa hux ser jsiru il *bicycle lanes,* fejn is-Sindku nforma li dak proġett għalih li ser jsir min IM, u għandhom jitkomplew il *bicycle lanes*. Madankollu la jasal biex isir dan il-proġett huwa ser jitlob l-pjanti finali lil IM.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Sindku nforma li kif diġà nforma lil-Kunsilliera fuq il *whatsapp chat*, mar fuq il-post u saret kjarifika fejn il-Perit tal-Kunsill irranġa l-kliem ta' l-*invoice* peress li kienu *misleading,* u kkonferma li l-kont kien relatat ma rranġar ta' toqob eżistenti u mhux ta' toqob ġodda.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) nfurmat li l-impjegat Shaun Theuma Marshall għadu ma ħallasx il-pagament dovut wara li nħarġitlu l-ittra legali. L-avukat nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jipproċedi b'kawża legali, u għanda tibgħatlu tfakkira. Is-Sindku ssuġġerixxa biex ninfurmaw lil-Avukat tal-Kunsill li din għanda tkun kawża giljottina.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Is-Sindku nforma li għad irid jibgħat l-post preċiż ta' triq il-Fortizza u ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u s-Segretarju Eżekuttiv fakkret li kellna nagħtu risposta sal-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2022.

**REF: 50.3.8 Summer Breaks min Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni.**
Is-Sindku nforma li għad qed nistennew konferma tal-lista tat-toroq mil-MTA.

**REF: 50.3.10 Agreement RS2**
Is-Sindku nforma li l-RS2 nfurmawna, li qabel ma jkun iffirmat il-ftehim, l-RS2 qed jistennew l-Awtorità ta' l-Ippjanar biex joħroġ il-permess *(Executable Permit)* fejn il-ftehim ilu ppreżentat mis-sena l-oħra u l-RS2 għadhom mingħajr permess esegwibbli.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma Frank Franjou, Inġinier Ronnie Bezzina u Erika Muscat, fejn is-Sur Franjou ħareġ bi proposta tad-dawl tal-pjazza bejn Lord Nelson u s-City, inkluż pjazza u parti min triq il-Kostituzzjoni. Qed jipproponi li d-dawl ta' faċċata tal-knisja min Cauchi sa Mumenti inkluż arblu wieħed biss fejn Lord Nelson, ikunu sistema ta' dawl fuq tmien arbli u mhux mal-ħitan, u l-kumplament f'Main Street u triq il-Kostituzzjoni jkunu fuq *brackets* mal-ħajt.

Saret BOQ waħda, u ġie mitlub biex il-BOQ tinqasam fi tnejn biex potenzjalment il-fondazzjoni tħallas parti mid-dawl, u l-kumplament jitħallas mil-Kunsill. Saret diskussjoni fejn il-fondazzjoni ma tistax tħallas għad-dawl li qiegħed f'post pubbliku ħlief dawk li huma madwar u fil-viċinanzi tal-knisja, bħalma sar fit-tieni fażi fejn sar id-dawl tal-parkeġġ u f'parti minn ġnien Reggie Cilia, Għalhekk ġie diskuss li dawk l-arbli fl-immedjat ta' quddiem il-knisja, li jammontaw għal sebgħa jkunu parti mal-proġett u finanzjament tal-knisja u jitħallsu mil-fondazzjoni, filwaqt li l-kumplament jitħallsu mil-Kunsill.

Qed nistennew l-BOQ's finali maqsumin mingħand Frank Franjou.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-bieraħ reġgħet bagħtet tfakkira għax għadna ma rċevejniex risposta mil-ERA dwar is-siti proposti mil-Kunsill, u fakkret li dawn huma, LIDL, ġibjun ta' Mlit u fil-parkeġġ ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-CEO tal-LESA s-Sur Flores, fejn bħala Kunsill, biex ma jintilfux il-fondi, ġie ssuġġeriet biex id-dawl li kien maqbul li jsir taħt il-pont, minflok jsiru fuq il-pont ta' triq Kostituzzjoni, u s-Sur Flores nfurmana li ma nistgħux għax irridu nibqgħu fl-istess zona tal-pont fi Vjal Ragusa. Għalhekk waqt il-laqgħa ġie propost biex jsir dawl min tarf tal-pont għal Vjal Ragusa direzzjoni Mosta sa *zebra crossing* u fir-rampa ta' ġnien Vjal Ragusa, fejn hemm *soft area* bil-ħamrija li kienet ġiet mnaddfa, u li qegħda bejn Dawret il-Wied u triq Santu Rokku.

Il-Kunsillier Cassar nforma li jaqbel li jsir id-dawl fir-rampa u matul Vjal Ragusa imma mhux fuq stil antik u dekorattiv bħal mhu ser isiru fuq il-pont, iżda li għandhom ikunu dawl moderni li jirriflettu ambjent ta' ġnien u għalhekk is-Sindku nforma li ser jitkellem u jiċċekkja l-katalgu tad-dwal mall-MicaMed. Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa biex wkoll jkun ikkunsidrat li jsir id-dawl maż-żebra *crossing* fejn tispiċċa r-rampa, u s-Sindku nforma li d-dawl taż-żebra *crossing* jistgħu jsiru meta jibda l-proġett ta' Vjal Ragusa min Infrastructure Malta (IM).

Saret diskussjoni dwar il-*lux* ta' dawl li jagħtu l-fanali dekorattivi, peress li daħlu xi lmenti min residenti li d-dawl huwa qawwi, u s-Sindku nforma li eventwalment jekk irridu nistgħu nwaħħlu apparat magħhom li jiswa madwar €300 biex id-dawl bil-lejl jiddimja. Skond il-MicaMed, dawn għamlu minnhom Kunsilli oħra u ħadu rifużjoni ta' 100%.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-emenda tat-test tal-abbozz legali bil-Malti u bl'Ingliż lesti, u fadal parti miċ-*checklist* li trid timtela mil-konsulent fuq GDPR.

**REF: 53.3.2 Bicycle Racks**
Is-Sindku nforma li għad jrid jiltaqa' mas-Sur Joseph Gatt li huwa rappreżentant taċ-ċikliżmu.

**REF: 53.5.6 Infrastructure Malta Road Works 2023-2025**
Is-Sindku nforma li għad irid jikteb lil-Infrastructure Malta (IM), peress li l-programm ta' toroq li ser jsiru minn IM mhux biżżejjed, u għad hemm ċertu toroq li għadhom barra mil-lista tal-programm, li kif mitlub ġew sottomessi lil IM għas-snin 2023-25.

**REF: 54.3.6 Tender ta' Skart Reġjonali**
Is-Sindku nforma li dwar il-ġabra addizzjonali tal-kartun, ma hemmx *feedback.*
Rigward Ta' Sriedek, nies miż-żona industrijali kienu qed joħorġu lis-skart fil-kantuniera fi Triq San Pawl tal-Qlejgħa. Dan li skart qed ikun voluminuż. Is-Sindku kellem lil-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex jekk jista' dan jinġabar. S' issa jekk hux bi pjaċir jew le l-kuntrattur qed jiġbru regolari.

**REF: 54.4.4 UPDATE ĦARĠIET**
Il-Kunsillier Deguara nforma li fl-aħħar ħarġa li saret ġewwa l-MUZA attendew 54. Ħarġa li jmiss ser issir fis 27 t'April ġewwa l-ESPLORA.

**REF: 54.5.6 KLMT 02-2022 Tender for the Provision of Security Services at Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Il-Kunsillier Cassar staqsa għalfejn twaqqaf is-servizz tas-*security,* dan għaliex mhux tajjeb is-servizz? Is-Sindku nforma li kif ġie spjegat fl-aħħar laqgħa dan it-tender qed jarah ħela ta' flus, għax is-*security* jew qed ikun bil-qegħda jew jippassiġġa, u jekk jkun hemm xi student adult jitbandal fuq il-bandli tat-tfal, mhux qed jieħu azzjoni, rari kellna *feedback* mis-*security* li qed ikollna fuq il-post. Tkissir ta' ċertu ammont ta' *light fittings* xorta baqa' jsir allavolja qed ikun hemm preżenza ta' *security.*

Il-Kunsillier Cassar staqsa kif allura issa ser jkun indirizzat il-vandaliżmu, u s-Sindku nforma li l-Kunsill kien qabel li jinxtraw *light bollards* li jkunu *vandal proof,* u dawn ser jitwaħħlu sa l-aħħar ta' Mejju. Il-Kunsill kien applika għal fondi taħt l-iskema SPI/SCI/05/2020 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.

Sa issa, l-unika vandaliżmu regolari li kien qed ikun hemm kien tkissir ta' *bollards* tad-dawl. Nisperaw li issa b'dawn il-*bollards* ġodda *vandal proof*, dan l-abbuż jispiċċa.

**REF: 54.5.7 KLMT 03-2022 Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kumitat beda l-evalwazzjoni, u fakkret lis-Sindku għad jrid jibgħat ir-rendikont tal-*financial bids* li offrew il-*bidders,* biex jintgħażel l-aħjar prezz, u dan it-tender jkun finalizzat.

**REF: 54.5.8 KLMT 04-2022 Light Bollards fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Sindku nforma li sa l-aħħar t'April jaslu d-dwal u sa l-aħħar ta Mejju, id-dawl jitwaħħal.

**REF: 54.5.9 KLMT 05-2022 Provision of Insurance Services**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-*deadline* biex jkunu sottomessi l-*bids* hija sat-28 t'April 2023.

**REF: 54.5.15 Measure 4.3 Update Proġett San Pawl tal-Qlejja (Wied tal-Qlejja)**
Is-Sindku nforma li applikajna għaċ-*change request*, għax il-Perit tal-Kunsill kien qed jibbaża l-prezzijiet fuq dawk tal-Elles Urban Services liema prezzijiet huma ta' erba' snin ilu, u għalhekk intalab biex jirrevedi l-BOQ skond il-prezzijiet ta' Infrastructure Malta (IM). Is-Sindku nforma li bil-prezz rivedut il-BOQ issa hija ta' €230,000.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Is-Sindku nforma li għanda issir laqgħa biex il-monti li jarma fi triq Nicolo Isouard jersaq permanenti fi triq Patri Avertan Fenech, però s-Sindku ma jaħsibx li ser jikkooperaw.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li b'kollox applikaw sittax, fejn tmien applikanti ma kienux eliġibbli skond il-*legal notice* 358 ta' 2022, ħames applikanti meta bagħatnielhom id-data ta' l-*interview* nfurmawna li m'għadhomx interessati, u għalhekk kien fadal biss tlieta li sarilhom l-*interview* u minnhom intgħażlu tnejn.

**REF: 56.3.2 Applikazzjoni Triq Freddie Micallef**
Is-Sindku nforma li kiteb lil lis-*Street Naming Committee* li ma jaqbilx, u li triq msemmija għal Freddie Micallef għanda tkun kif kien iddeċieda u qabel il-Kunsill li tinbidel parti minn triq id-Dawr, ċioe l-entratura tal-*Housing Estate* int u dieħel minn Vjal l-Indipendenza.

**REF: 56.3.3 Talbiet biex jissemmew toroq għal Dr. Calvagna, Mons. Carabott u s-Sur Pawl.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li triq is-Sur Pawl ġiet aċċettata u l-isem ta' triq għandu jkun Triq Pawlu Cuschieri, bin-nomenklatura: Is-Sur Pawl, Spiżjar, 1912-1992.

**REF: 56.3.5 KLMT 02-2023 Bulky Refuse Tender**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntratt ġie estiż b'sena skond it-talba tal-Kunsilliera.

**REF: 56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-kuntratt tal-Youth Worker Service jiskadi 31 ta' Mejju 2023. Il-Kunsilliera Bonnici kellha tiċċekkja jekk għadhomx jiltaqgħu.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**
Is-Sindku nforma wkoll li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Galea kellna laqgħa mad-Direttur Marisa Pisani biex tiġi diskussa din l-applikazzjoni li saret. Kundizzjoni minnhom hija li biex isir il-proġett, dak li spazju propost irid ikun devolut lill-Kunsill Lokali. Għalhekk irridu napplikaw għall-approvazzjoni tad-DLG u wara għad-devoluzzjoni tal-art. Is-Sindku fakkar li kien hemm 72 Kunsill Lokali li applikaw, u huma biss dawk li l-proġetti tagħhom li ser jammontaw għall-ewwel 10 Miljuni li ser jiġu kkunsidrati l-ewwel.

Is-Sindku nforma li għadhom ma ħarġux ir-riżultati u li dawn ir-riżultati abbli li joħorġu f'Mejju.

**REF: 56.3.10 Laqgħa Pubblika t'April**
Is-Sindku reġa' fakkar lil membri preżenti li jridu jlestu r-Rapport Amministrattiv 2022 dwar id-dekasteri tagħhom. Il-Laqgħa Pubblika li jmiss ser issir fit-2 ta' Mejju.

**REF: 56.4.6 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li t-tentattiv huwa li l-*magazine* jinħareġ għal Lulju.

**REF: 58.3.1 Cleaner għal-uffiċini tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni ntbagħtet fis 27 ta' Marzu lid-DLG u għad qed nistennew l-approvazzjoni.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**

Is-Sindku nforma li tender ta' Elles Urban Services spiċċa, u sakemm jinħadem tender ġdid ħa nippruvaw nitolbu biex naraw nistgħux nużaw il-kuntratturi ta' Infrastructure Malta (IM) bi prezzijiet ta' IM liema prezzijiet huma *standard* skond il-*framework.* Il-Kunsillier Cassar staqsa kemm ser jiswew it-toroq, fejn is-Sindku nforma li aktar kemm konna nħallsu lil-Elles Urban Services, peress li l-prezzijiet kienu ta' erba' snin ilu. Il-Kunsillier Cassar nforma li jaqbel mal-*framework,* u talab li jkollna BOQ min IM qabel ma jibdew ix-xogħolijiet ta' kull proġett li għanda, biex il-membri tal-Kunsill jkunu jafu kemm ser jiswew il-proġetti la issa l-BOQ's tal-proġetti ser jinbidlu. Dawn huma importanti għax ser jaffetwaw l-ispiża li oriġinarjament il-membri tal-Kunsill kienu approvaw, kif wkoll għax ser jaffettwa l-fond tad-DPF.

Is-Sindku nforma li t-toroq mhux ser isiru kollha f'daqqa imma waħda waħda, u għalhekk qabel ma jibda proġett ta' triq, jkollna stima.
Il-membri tal-Kunsill qablu biex qabel ma jibda proġett titressaq l-istima fuq il-mejda tal-Kunsill.

**REF: 58.3.3 Latrina Pubblika**

Is-Sindku reġa' fakkar għal benefiċċju tal-Kunsillier Cassar, li fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil li ma tagħmilx sens li jitlesta x-xogħol ta' Infrastructure Malta (IM), imbagħad nerġgħu nkissru s-saqaf tal-latrina. Għalhekk dan ix-xogħol ta' tkissir tal-latrini ta' taħt l-art u l-bini ser jitlob biex isir possibbilment min IM, u temporanjament tintuża l-latrina tad-*disabled* għal-kulħadd li tkun bl-*attendant* bi ħlas minimu ta' €0.50c. Wara li jinbena l-istore tal-Kunsill bis-saqaf il-ġdid il-fond tal-latrini l-ġodda ta' fuq ser jintużaw mil-fondi tar-reġjun mil-iskema tas-€60,000, SPI/SCI/10/2022 - Espressjoni ta' Interess: Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex. Is-Sindku nforma li aħna irridu nissupplixxu lir-reġjun bil-pjanti, u ser jintużaw il-pjanti li għanda, li għamel il-Perit tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jibda jinħadem it-tender għal-*attendant*, u biex iġib kwotazzjonijiet ta' *door lock* li jieħu l-flus.

**REF: 58.3.4 Kuntratt Reklamar fuq Għamara tat-Toroq.**

Is-Sindku nforma li sar kuntatt ma SJF Limited li ser jkun it-terminat il-kuntratt peress li r-reklamar mhux finanzjarjament viabbli, fejn SJF Limited ikkonferma li ser jneħħi lis-*steel safety barriers/frames.*

**REF: 58.3.5 Siti ta' Parkeġġi**

Is-Sindku nforma li għad ma hemmx risposta, biex Il-kunsilli lokali jibdew jaħdmu mal-awtoritajiet ċentrali u s-settur privat sabiex joħolqu u jamministraw żoni ta' parkeġġ.

**REF: 58.3.6 Ingaġġ ta' Skrivan Skala 16**

Is-Sindku nforma li tkellem ma l-accountant tal-Kunsill peress li dan l-ingaġġ jiddependi mill-finanzi. L-accountant tal-Kunsill informa li biex ma jinqabisx il-*capping* tas-salarji, idealment fadal post biss għal persuna skala 15, u għalhekk flok ser napplikaw għal żewġ skrivani fuq skala 16, ħa napplikaw għal skrivan skala 15.

Il-membri preżenti approvaw l-ingaġġ ta' skrivan skala 15.

**REF: 58.4.1 Tabelli tad-Dip**
Is-Sindku nforma li t-tabelli u sinjali tat-*traffic managment* tad-Dip lesti u mwaħħlin.

**REF: 58.4.2 Bus Stop fi Vjal Indipendenza**
Is-Sindku nforma li kienet tressqet proposta mil-Kunsillier Farrugia biex fejn hemm il-*bus stop* fejn ir-*roundabout* ta' Ċikku Fenech, jidħol ftit il-ġewwa, għax tal-linja qed twaqqaf it-traffiku. Saret diskussjoni u l-Kunsillier Farrugia staqsa jekk minflok jistgħux jitneħħew il-*bollards.* Is-Sindku nforma li l-*bollards* saru minħabba sigurtà, u żgur ma jistgħux jitneħħew inkella l-karozzi jibdew jaqsmu għal triq il-Mitħna u meta qabel kienet hekk kien ikun hemm ħafna aċċidenti u għalhekk kienu saru l-*bollards.*

Saret diskussjoni dwar il-*bus shelters* għax il-kumpanija FACES għadhom kuntratt ma l-AKL biex jinbidlu l-*bus shelters* f'Malta u Għawdex. Is-Sindku nforma li hu jixtieq li iż-żewġ *bus shelters* fi Vjal Indipendenza, li issa ġew bla użu jinqalgħu u jkunu *shifted.* Is-Sindku ppropona li wieħed jista' jitwaħħal fi triq il-Kostituzzjoni naqra l-isfel mil-FALCAR u jintilef parkeġġ wieħed biss, u l-ieħor għad irridu nsibu post. Dak ta triq il-Kostituzzjoni ġie approvat mill-Kunsilliera.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nforma li hu u l-Kunsillier Borg għamlu laqgħa mas-*senior manager* ta' Transport Malta (TM), is-sur Cohen fejn għamlu spezzjoni taż-żona biex jiddeterminaw fejn tista' ssir iż-żebra *crossing.* Din proponewha li ssir fil-parti ta' fuq tal-ġnien qrib triq il-Bdoti u mhux fejn il-grada tal-ġnien fi triq il-Mitħna għax tiġi f'liwja. Matul it-tul tal-ġnien u quddiem il-mitħna fi triq il-Mitħna proposta li ssir bankina wkoll. Is-Sindku talab lil Infrastructure Malta (IM) biex jekk hu possibbli jagħmlu din il-bankina. Il-Kunsillier Cassar nforma li jekk ser jsir passaġġ għaż-żebra *crossing* mis-*soft area* li hemm, iridu joqgħodu attenti għax fejn ser issir il-passaġġ hemm is-servizzi ta' l-ilma fis-*soft area* fil-wiċċ tal-ħamrija, u għalhekk ma tinħaratx bil-mutur.

**REF: 58.4.4 Innovation Science in the City**
Il-Kunsilliera Borg nforma li għal Innovation Fest ntgħażlet il-lokazzjoni li hija ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Din l-attività ser issir fuq jumejn nhar id-19 u 20 ta' Mejju.

**REF: 58.5.3 Annual Budget for the Financial Year 2023**
Is-Sindku reġa' dar il-proġetti kapitali ta' €1,025,000, fejn hemm €507,000 li qed jkunu kalkulati li se jiġu rimborżati.

Dwar pavimentar tal-pjazza ġew ivvutati €250,000. Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk l-istima hux finali u jekk hux ħa tittella' waqt il-laqgħa. Is-Sindku nforma li din hi ċifra bbażata bħala *high level estimate*. Ix-xogħol dejjem irid jitkejjel u jiġi ċċertifikat mill-perit. Dawn iridu joħorġu mir-riserva tal-Kunsill.

Toroq Pedonali (Slow Streets) €150,000. Huwa stmat li €120,000 se jiġu rimborżati min sorsi oħra ta' għotjiet tal-Gvern Ċentrali, jew Development Planning Fund, jew min skemi tad-DLG jew Fondi Reġjonali, jekk li dawn jridu joħorġu mir-riserva tal-Kunsill.

Pjazza Public Convenience/Store €200,000. Fl-accounts huwa stmat li €168,000 se jiġu rimborżati min sorsi ta' fondi, jekk dejjem jkun hemm skema, jekk li dawn jridu joħorġu mir-riserva tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Sindku, li jekk ma nġiebux fondi, il-Kunsill jrid joħroġ il €200,000 mir-riserva? Is-Sindku nforma li għalkemm il-Kunsill ħadem biex il-*public convenience* issir mid-DPF, lanqas applikazzjoni mad-DPF ma saret mal-awtorità tal-Ippjanar, wisq anqas hemm kuntratt. Is-Sindku nforma li kif spjega ftit qabel fil-laqgħa, it-twaqqiegħ u l-bini ser jsir mir-riserva u l-*public toilets* ser jsiru min fondi tar-reġjun fejn diġà urejna l-interess li ser napplikaw mar-Reġjun. Diment li jkun hemm xi skema li nkunu nistgħu napplikaw għalija, it-twaqqiegħ u l-bini jsir mil-iskema, jekk le x-xogħol jrid jsir mir-riservi. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-€168,000 jrid jitneħħa għax din hija figura li qed naħsbu li nistgħu niġbru, imma mhijiex fattibbli. Is-Sindku nforma li għalhekk hemm il-kelma 'stima', u l-Kunsillier Cassar nforma li xorta jibqa' l-fatt, li ma hemm xejn żgur u għalhekk tajjeb li titniżżel nota għax ma nafux jekk ir-riserva hux ħa twassal. Is-Sindku nforma li jekk tispiċċa r-riserva l-proġetti jridu jsiru mill-iskema jew mill-fondi tad-DPF, liema fondi dejjem jitilgħu fl-ammont. Il-Kunsillier Cassar nforma li mhux hekk l-affarijiet għax għalhekk jsir il-baġit, biex issir pjan u jkun hemm prijorità tal-proġetti, u wieħed jkun jaf kemm fadal flus fir-riserva u anke tara jekk hux ser jittieħdu flus mir-riserva biex nwettqu proġetti oħrajn.

Is-Sindku qal li fejn jidħol *patching*, fejn kif jaf kulħadd kien hawn ħafna ħsarat f'diversi toroq wara din ix-xitwa, ma tistax tkun taf kemm ser tonfoq u dan ix-xogħol ħa ħafna flus mir-riserva biex sar dan il-*major patching* fejn kien hemm ħafna ħsara u fejn stajna sar bil-*cold asphalt* biex nillimitaw l-ispiża. Il-*patching* huwa prijorità li jsir għax inkella l-Kunsill jispiċċa jeħilhom *claims* u mhux ġust li r-residenti jkollhom toroq mfarrka. Il-programm ta' toroq residenzjali mwettaq minn IM fih 3 snin.

Is-Sindku talab biex titniżżel nota li dak li hu stmat ma jseħħx mill-fondi tal-proġetti, jekk ma jkunx hemm flus biżżejjed fi-riserva, u jekk ma jkunx hemm skemi li jkopru l-proġetti, ma jistgħux jsiru kollha għax huwa ovvju u għalhekk irridu nipprijoratizzaw. Il-proġetti mniżżla huma x-xewqat li jsiru matul din is-sena, u ma jfissirx li hemm fondi fir-riserva biex isiru kollha. Irridu nimxu bi prijorità liem isir l-ewwel u qabel xiex. Il-proġett tal-pjazza, jiġifieri bankini, dawl u l-latrina huma prijorità.

Miżura 4.3 - San Pawl Qlejja - €230,000 (huwa stmat li Eur144,000 se jingħataw lura mill-Fondi tal-UE. €86,000 jridu joħorġu mill-fondi tal-Kunsill.

LESA Community Project - Eur95,000 (huwa stmat li Eur75,000 se jingħataw lura mill-għotjiet tal-LESA. €20,000 jridu joħorġu mill-fondi tal-Kunsill.

Piazza Phase 3 Lighting + Surrounding Roads Eur100,000 (dawn jridu joħorġu mir-riserva tal-Kunsill. Il-kumplament tal-ispiża trid toħroġ mill-Fondazzjoni)

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 58.

### 59.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

#### 59.3.1 Ġnien ta' Mlit

Is-Sindku nforma li hemm ġnien fil-Housing fejn hemm ħafna periklu, bħal bankijiet kollha skaldi, gradilji wesgħin u ta' periklu għat-tfal, ħadid imsaddad, ġebel imwaqqa', *gazebo* mkissra, dwal imkissra eċċ. Is-Sindku nforma lil-membri preżenti li jixtieq li jinkines mil-imbarazz, jitneħħew il-*planters*, bankijiet eċċ, li jiġi vojt u jkun spazju bla periklu.

Il-membri preżenti qablu li jitnaddaf ġnien ta' Mlit mil periklu mill-Kunsill.

**59.3.2 Bankini**

Is-Sindku nforma li hawn ċertu bankini li hemm bżonn li jsiru bħal triq l-Għarusa tal-Mosta, triq it-Trincetta, fejn id-dar ta' l-anzjani, r-*roundabout* ġewwa l-Housing u diversi biċċiet ta' bankini madwar il-Mosta. Il-Kunsilliera qablu li tinħareġ *works order* biex dawn il-bankini jsiru.

**59.3.3 Parks and Gardens - Housing**

Is-Sindku nforma li l-kuntrattur tal-*Parks and Gardens* beda xogħol ta' *landscaping* fil-Housing Estate inkluż id-daħla tal-Housing u r-*roundabout* fi Triq id-Dawr, kif wkoll xogħol fuq ħitan tas-*soft areas* li jridu jitranġaw fil-Housing Estate. Il-Kunsilliera Cassar staqsa fejn ser jitħawlu l-50 siġra li ordnaw l-ERA, u s-Sindku nforma li ltaqa mal-*horticulturist* u mall-kuntrattur tagħna u qablu li wħud ser jitħawlu fejn il-ħwienet fil-konki, oħrajn fir-*roundabout* stess u l-kumplament fil-Housing. Is-Sindku kjarifika li dawn il-50 siġra l-ERA talbuhom bħala kumpens tas-siġar taċ-ċipress li ser jinqalgħu min ħdejn il-ħwienet u mhux bħala kumpens għas-siġar tar-*roundabout*. Is-siġar tar-*roundabout* l-ERA approvaw li jistgħu jinqalgħu bla ebda kumpens ta' siġar oħra.

Is-Sindku nforma wkoll li flimkien mal-Kunsillier Farrugia daru l-Housing fejn iltaqgħu mal-kuntrattur u qed jsir xogħol mil-Housing fuq il-fċaċet fuq il-binjiet tal-Housing, fejn għandhom madwar tlett/erba' xhur xogħol.

**59.3.4 Parks and Gardens - Pont**

Is-Sindku nforma li qed jrid isir ukoll xogħol ta' *landscaping* fuq il-pont, kif wkoll fejn hemm ir-*roundabout* ta' qabel taqbad il-pont. Dan ix-xogħol ser isir mill-kuntrattur tal-*Parks and Gardens* tal-Kunsill.

**59.3.5 Roundabouts: LIDL u l-Pont**

Is-Sindku nforma li fejn hemm ir-*roundabout* ta' quddiem il-LIDL, issuġġerixxa li jsir monument artistiku mil-istudenti ta' l-MCAST fejn il-Kunsill jipprovdi l-materjal. Madwar il-monument isiru *planters*.

Is-Sindku semma wkoll l-idea li jsir *artistic feature* minn xi artist fir-*roundabout* ta' qabel il-pont. Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li f'dan il-każ toħroġ sejħa miftuħa għal kulħadd mhux għal-MCAST biss, u nitfgħu baġit, u b'dak il-baġit l-artist jrid jaħdem. Filwaqt li r-*roundabout* l-oħra ta' fuq il-pont tista' issir mil-istudenti ta' l-MCAST, jew viċi versa.

Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu, u ġie deċiż biex ir-*roudabout* ta' quddiem il-LIDL issir monument mil-istudenti ta' l-MCAST, filwaqt li r-*roundabout* ta' fejn il-pont tinħareġ sejħa. Il-Kunsill għad jrid jiddeċiedi l-baġit u t- tema.

Il-Kunsillier Borg ħa jikkordina laqgħa ma l-MCAST, biex jibdew id-diskussjonijiet dwar ir-*roundabout* ta' fejn il-LIDL. Dwar l-espressjoni ta' interess fuq ir-*roundabout* ta' fejn il-pont, il-membri preżenti qablu li jinħatar bord immexxi mis-Sindku, fejn l-aħħar deċiżjoni tkun tal-Kunsill, u kien hemm qbil biex is-Sindku jibda jiddiskuti mal-Profs. George Cassar u xi artisti.

Fit-8:45pm il-membri preżenti unanimament qablu biex il-ħin tal-laqgħa jkun estiż b'nofs siegħa, sad-9:30pm.

**59.3.6 Triq iz-Zejfa**
Is-Sindku nforma li Infrastructure Malta (IM), fit-13 t'April ser jibdew jagħtu tarmak ġdid ta' triq iz-Zejfa, kif wkoll ser issir trinka ġdida mil-Enemalta li tasal sal-LIDL. Ħafna mix-xogħol għandu jsir matul il-lejl.

**59.3.7 Triq Pantar**
Is-Sindku nforma li l-proġett ta' triq Pantar ser jibda min Ħ'Attard fejn hemm ir-*roundabout* il-kbira, kif wkoll hemm propost *strom water culvert* li jibda min triq il-Gardjoli, jaqsam triq Pantar u jaqbad mall-mina fi triq Valletta. Triq Pantar probabbli ser tkun *one-way* min meta jibdew jqattgħu l-blat u anke jista' jkun waqtiet magħluqa għal kollox, u għalhekk qabel ma jibdew din it-triq Infrastructure Malta (IM) ħa jagħmlu *major patching* ta' triq il-Mitħna kompletament. Xorta jibqa' l-fatt li triq il-Mitħna trid issir kompletament bi bdil ta' servizzi u *storm water culvert* kif ukoll bankini skond il-programm li l-Kunsill ta lill-IM għas-sena 2024.

**59.3.8 Triq Kostituzzjoni**
Is-Sindku nforma li lis-*storm water unit* għamlu l-pjanti bi proposta fejn ir-rotta tal-*culvert* tibqa' sejra sa ftit qabel Casa Arkati fejn preċiżament quddiem il-banka tal-lottu hemm *drop manhole* għall-wied. Fi prinċipju Infrastructure Malta (IM) qablu għax jinqabad l-ilma tat-toroq Nicolo Isouard, Kostituzzjoni u 9 t'April. IM qed jevalwaw l-ispiża, fil-fratemp illum rċevejna protest ġudizzjarju kontra IM, u kontra l-Kunsill biex ma jgħaddux ir-rotta tal-pajpijiet tal-ilma mill-pjazza tal-monti għall-wied.

**59.3.9 - SPI/SCI/01/2023 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024**
Is-Sindku nforma li s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u l-Awtorità tat-Turiżmu b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy qed jerġgħu jvaraw din l-iskema kulturali, sabiex jassistu l-Kunsilli Lokali f'attivitajiet kulturali. L-għan ewlieni ta' dan il-fond huwa li l-lokalitajiet ikomplu jinvestu u jiżguraw is-sostenibbiltà kulturali u l-kontribuzzjonijiet li toffri għall-benessere tar-residenti tagħhom. Din l-iskema se tkun qegħda tkopri attivitajiet kulturali inkluż l-attivitajiet ta' żmien il-Milied li ħa jsiru matul is-sena 2023/2024. Data ta' l-għeluq, il-Ġimgħa, 26 ta' April 2023, u għalhekk ser napplikaw għal din l-iskema. Il-Kunsilliera Galea qalet li bagħtet imejls lil Kunsillier Camilleri fl-14 u 22 ta' Marzu però ma kienx hemm risposta. Peress li l-egħluq ta' din l-iskema ser tkun qabel il-laqgħa li jmiss, u ma kienx fadal ħafna ħin is-Sindku qal li huwa xtaq japplika xorta għal din l-iskema biex ma tintilifx u għalhekk sar qbil li l-applikazzjoni ser jieħdu ħsiebha s-Sindku u l-Kunsilliera Galea.

**59.3.10 - SPI/SCI/02/2023 Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex**
Is-Sindku nforma li għal din l-Espressjoni ta' Interess ħa jkunu eliġibbli xogħlijiet ta' manutenzjoni minuri fil-libreriji pubbliċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali. Ser tingħata prijorità lil dawk il-Kunsilli Lokali mingħajr ħaddiema disponibbli biex iwettqu dan it-tip ta' manutenzjoni. Bħala spejjeż il-Kunsill jrid jixtri l-materjal. Data ta' l-għeluq, il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023, u għalhekk ser napplikaw għal din l-iskema.

Is-Sindku nforma wkoll li ġibna l-kwotazzjonijiet u l-għamara biex jiżdied *shelving.* Dawn jammontaw għal €5,750 eskluż VAT. €2,500 huma fondi min skema oħra li nistgħu nġiebu mir-reġjun. Il-Kunsillier Borg nforma li tkellem mad-DLG u nforma li min l-iskema SPI/SCI/02/2023, ma nistgħux nagħmlu għamara, imma dejjem nistgħu napplikaw għal affarijiet oħra.

Għalhekk is-Sindku nforma biex bħala *shelving* jsir mil-Kunsill fejn €2,500 napplikaw mar-reġjun u l-ammont li ta' €4,285 li jifdal joħroġhom il-Kunsill. Il-membri approvaw li l-ammont ta' €4,285 jinħareġ mil-Kunsill u nġiebu żewġ kwotazzjonijiet oħra.

**59.3.11 - SPI/SCI/03/2023 Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023**
Is-Sindku nforma li din l-inizjattiva qed tiġi imnedija bħala parti mill-World Clean up Day Campaign. Din it-tema tgħaqqad miljuni ta' voluntiera, gvernijiet u organizzazzjonijiet madwar id-dinja biex jindirizzaw il problema globali tal-iskart u jibnu dinja aktar nadifa, ekoloġika u aktar b'saħħitha. Din is-sena din il-ġurnata se tiġi imfakkra fit-tielet Sibt ta' Settembru, bi sforzi mmirati lejn it-tnaqqis tal-iskart u t-tindif tal-komunitajiet lokali, *parks, trails*, ġonna, bajjiet, u spazji miftuħa.

Għat-tieni sena konsekuttiva s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, qed jerġa' iniedi din l-Espressjoni ta' Interess b'fond globali ta' €75,000 fejn kull Kunsill Lokali jista' jibbenefika sa' massimu ta' €1,500 (inkluż il-VAT). Data ta' l-għeluq hija il-Ħamis, 15 ta' Ġunju 2023, fejn għat irridu napplikaw.

**59.3.12 - SPI/SCI/04/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati**
Is-Sindku nforma li s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, qed ivara dan il-finanzjament biex jassisti lill-Kunsilli Lokali fl-impenn tagħhom sabiex jiżguraw aktar sigurtà, wens u serenità fil-komunitajiet tagħna. Data ta' l-għeluq, Il-Ġimgħa, 28 ta' Lulju 2023, u din wkoll irridu napplikaw għalija. Din l-applikazzjoni jistgħu jgħinuna nimlewha l-*Community Police* la jibdew jiffunzjonaw fil-lokal.

Il-Kunsillier Cassar ippropona biex jsiru installazzjoni ta' *bollards* bħala *traffic management* fejn l-iskejjel, jew *barrier* li titla u tinżel u għalhekk ma jkunx hemm bżonn ta' *wardens.* Dawn jistgħu jkunu *fully automated* jew *semi automated.*
Is-Sindku nforma li huwa jipproponi wkoll li nagħmlu proġett pilota *ta' electric bollards.*

**59.3.13 - SPI/SCI/05/2023 Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**
Is-Sindku nforma li għal darba oħra, is-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali flimkien mad-Direttorat għall-Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy qed iniedi din l-iskema ta' fondi b'somma globali ta' €120,000 fejn Kunsill Lokali jista' jibbenefika sa' massimu ta' €30,000 (inkluż il-VAT) għall-manutenzjoni u sostenn ta' proġett li jinsab eliġibbli. Data ta' l-għeluq il-Ġimgħa, 25 ta' Awwissu 2023, u l-proġett jkun attwat fl-2024, u għalhekk irridu naħsbu fuq proġetti maġġuri.

**59.3.14 Ħsara fi triq il-Ġnejna**
Is-Sindku nforma li rċieva rċevuta tal-VAT ta' €550 min resident s-Sur M. Chetcuti li joqgħod fi triq il-Ġnejna k/m triq San Gwann, fejn is-*subcontractor* tal-Elles Urban Services*,* waqt li kienu qegħdin jaħdmu kissru l-ispaction ta' dan ir-resident. Is-Sindku nforma li ser jitħallas dan ir-resident mill-Kunsill, u l-€550 titnaqqas mil-kont ta' Elles Urban Services.

Fid-9:15 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal-*item* 59.5.1 Update - Development Funds as at 11.04.2023

**59.3.15 Mosta Community Services fi ħdan l-FSWS**
Il-Kunsillier Farrugia nforma li l-Mosta Community Services (MCS) talbu biex jsir laqgħa mar-residenti, u talbu post fejn tista' ssir din il-laqgħa. Il-Kunsillier Farrugia talab lil MCS x'servizzi joffru, u ser jagħmel laqgħa ta' informazzjoni magħhom. Il-Kunsillier Farrugia għamel wkoll kuntatt ma' l-għaqdiet Mostin fejn s'issa ħames għaqdiet urew interess.

Il-Kunsillier Farrugia talab approvazzjoni lil-membri preżenti biex noffru s-sala b'xejn u anke xi *refreshments* bħal pizza u pastizzi. Il-membri preżenti approvaw li tingħata s-sala b'xejn u anke r-*refreshments,* u ntalab biex jipprovdi baġit għar-*refreshments.*

**59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**59.4.1 Bye-Law Użu ta' Faċilitajiet**
Il-Kunsillier Borg talab approvazzjoni tal-Kunsill biex l-iskejjel fi triq Grognet Maria Regina College Mosta - Mosta Primary School A u B li m'għandhomx sala, jingħatalhom permess biex jkunu jistgħu jużaw is-sala tal-Kunsill darbtejn fis-sena bla ħlas.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li kif diġà spjegat f'laqgħat preċedenti il-*Financial Compliance* nformaw li ma tistax tibqa s-sala tal-komunità tingħata b'xejn għax qed tinkiser il-liġi tal-*bye law,* apparti wkoll li jridu li l-Kunsill jara min fejn ser jdaħħal aktar dħul min *bye laws.* Is-Sindku nforma biex nerġgħu nduru u nirranġaw il-prezzijiet ta' din il-*bye law.* Il-membri preżenti approvaw biex l-iskejjel primarji A u B jkunu jistgħu jużaw is-sala b'xejn darbtejn fis-sena.

**59.4.2 Tal-Ħaxix fi Triq id-Dawr**
Il-Kunsillier Borg nforma li l-bejjiegħ tal-ħaxix li s-soltu jarma fi triq id-Dawr, xtaq permess biex jarma fi vjal Indipendenza biex juża parti mil-bankina temporanjament biex jbigħ sakemm jgħaddi z-żmien tal-frawli. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jrid jikteb lil Transport Malta (TM) bħalma jagħmlu bejjiegħa oħra, imbagħad il-Kunsill joħroġ *no objection.*

**59.4.3 Loading/Unloading Bays fi triq il-Kostituzzjoni**
Il-Kunsillier Zerafa staqsa dwar il-ħinijiet tal-Loading/Unloading Bays fi triq il-Kostituzzjoni. Is-Sindku nforma li għad irridu naraw dawk li huma bil-permess u dawk li mhumiex.

**59.4.4 Ktejjeb: Wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-ktejjeb li ħareġ ir-reġjun dwar il-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira hemm paġna nieqsa. Is-Sindku nforma li dan sar bi żvista, però dak li tela *online* huwa tajjeb.

**59.5 Rapporti**
**59.5.1 Update - Development Funds as at 11.04.2023**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

Is-Sindku nforma li sal-bidu ta' Jannar bħala fond fid-DPF kien hemm €1,437,945.94 li minnhom hemm;

- Outdoor Gym, huwa lest fejn l-ammont applikabbli kien ta' €174,732.88, ammont finali wara li ġie mkejjel kien ta' €200,780.48. Għalkemm il-Kunsill applika għas-somma kollha, jekk ma tingħatax id-differenza din titħallas mir-riserva.

- Ġnien George Grognet de Vasse, huwa lest fejn l-ammont applikabbli kien ta' €244,865.17, ammont finali wara li ġie mkejjel kien ta' €290,261.00, fejn id-differenza titħallas mir-riserva.

- Ġnien 15 t-Ottubru, huwa lest fejn l-ammont applikabbli kien ta' €54,285.31, ikkwalifikajna għal €37,999.72, ammont finali wara li ġie mkejjel kien ta' €97,182.00, fejn id-differenza titħallas mir-riserva.

- Triq Charles J. Vassallo, l-ammont applikabbli ta' meta sar il-kuntratt mal-Awtorità ta' Ippjanar huwa ta' €104,016.85, u nikkwalifikaw għal €72,811.80. Fir-rapport hemm mniżżel li d-differenza li jrid joħroġ il-Kunsill huwa ta' €31,205.05, però il-prezzijiet fil-BOQ huma antiki ta' erba' snin ilu mil-Perit tal-Kunsill, allura dawn jridu jitranġaw skond il-prezzijiet ta' llum ta' Infrastructure Malta (IM).

- Sqaq Xorxa, l-ammont applikabbli ta' meta sar il-kuntratt mall-Awtorità ta' Ippjanar huwa ta' €27,292.98, u nikkwalifikaw għal €19,105.08. Fir-rapport hemm mniżżel li d-differenza li jrid joħroġ il-Kunsill huwa ta' €8,187.89, però il-prezzijiet fil-BOQ huma antiki ta' erba' snin ilu mil-Perit tal-Kunsill, allura dawn jridu jitranġaw skond il-prezzijiet tal-lum ta' Infrastructure Malta (IM).

- Sqaq nru. 3 fi Triq San Anton Abbati, l-ammont applikabbli ta' meta sar il-kuntratt mal-Awtorità ta' Ippjanar huwa ta' €16,949.47, u nikkwalifikaw għal €11,864.63. Fir-rapport hemm mniżżel li d-differenza li jrid joħroġ il-Kunsill huwa ta' €5,084.84, però il-prezzijiet fil-BOQ huma antiki ta' erba' snin ilu mil-Perit tal-Kunsill, allura dawn jridu jitranġaw skond il-prezzijiet tal-lum ta' Infrastructure Malta (IM).

- Triq Dun Mikiel Xerri, l-ammont applikabbli ta' meta sar il-kuntratt mal-Awtorità ta' Ippjanar huwa ta' €59,506.00, u nikkwalifikaw għal €41,654.20. Fir-rapport hemm mniżżel li d-differenza li jrid joħroġ il-Kunsill huwa ta' €17,851.80, però il-prezzijiet fil-BOQ huma antiki ta' erba' snin ilu mil-Perit tal-Kunsill, allura dawn jridu jitranġaw skond il-prezzijiet tal-lum ta' Infrastructure Malta (IM).

- Sqaq fi triq il-Bufula l-Ħamra, l-ammont applikabbli ta' meta sar il-kuntratt mal-Awtorità ta' Ippjanar huwa ta' €20,892.10, u nikkwalifikaw għal €14,624.47. Fir-rapport hemm mniżżel li d-differenza li jrid joħroġ il-Kunsill huwa ta' €6,267.63 però il-prezzijiet fil-BOQ huma antiki ta' erba' snin ilu mil-Perit tal-Kunsill, allura dawn jridu jitranġaw skond il-prezzijiet tal-lum ta' Infrastructure Malta (IM).

- Luminaires *phase* 3, l-ammont applikabbli skond il-kuntratt mal-Awtorità ta' Ippjanar huwa ta' €62,304.00, u nikkwalifikaw għal €46,883.76. L-ammont finali li jrid jitħallas mil-Kunsill huwa ta' €20,093.04. Inkluż ma dawn hemm l-installazzjoni fejn skond il-kuntratt mal-Awtorità ta' Ippjanar huwa ta' €4,672.80, u nikkwalifikaw għal €3,270.96. Il-Kunsill jrid jħallas is-sehem tiegħu ta' €1,112.85.

- Luminaires *phase* 4, dan għad irridu napplikaw fejn l-ammont huwa ta' €60,000.00, u qed jkun stmat li nikkwalifikaw għal €42,000.00. Qed jkun ikkalkulat

li l-ammont li jrid jitħallas mil-Kunsill huwa ta' €18,000.00. Is-Sindku nforma li qiegħed jlesti lista ta' toroq li ħa tkun iċ-ċirkolata mall-membri tal-Kunsill.

- Pjazza Rotunda, għal *paving* hemm vvutati €600,000.00 imma għad irridu naraw eżatt l-istima tal-perit biex jiġi determinat l-ammont eżatt. Wara nkunu nistgħu napplikaw mal-awtorità tal-Ippjanar.

  Is-Sindku nforma li dawn il-proġetti jammontaw għal €1,306,541.71, fejn jifdal €131,404.23 bħala kontinġenza għal dawk it-toroq li ser jiżdiedu l-prezzijiet skond IM. Madankollu s-Sindku nforma li sal-bidu ta' Jannar bħala fond fid-DPF kien hemm €1,437,945.94 u dan dejjem jiżdied. Issa jkollna ċifra oħra għal-aħħar ta' Mejju.

**59.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**59.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 138.

Il-Kunsillier Farrugia staqsa għalfejn il-bolla ma tidhirx meta tiġi mħallsa. Il-Kunsillier Cassar nforma li din tkun mniżżla fl-FS3, fejn dawn jitħallsu dirett lit-Dipartiment tat-Taxxa.

Il-Kunsillier Cassar nforma li qed jkun hemm *works orders* mingħajr valuri, u jekk dan hux permissibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bosta drabi ma jkollniex il-prezz f'idejna qabel ma jsir ix-xogħol, u f'kull leġislatura kien hemm *works orders* mingħajr il-prezz. Is-Sindku nforma li ġieli jitlob biex jsir *survey*, u l-*invoice* tintbagħat wara għax ma nkunux nafu l-prezz eżatt.
Il-Kunsillier staqsa dwar is-*surveys* li qed jsiru min Studju Urban għax qabżu il €5,000. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-AKL kienu bagħtu ċirkulari jinfurmaw il-Kunsilli kollha li jistgħu jużaw is-servizz tal-Periti ta' Studju Urban jew il-Periti tal-Kunsilli għal Project Green, u l-Kunsill kien għażel li nużaw il-Periti mqabbdin mil-AKL.

Il-Kunsillier Cassar nforma li trid issir korrezzjoni f'*items* 3094 u 3095 fejn suppost jrid jitniżżel DO (*direct order),* flok T (Tender), għax il-kuntrattur tal-Kunsill għas-servizzi tal-*handyman* qed jagħmel xogħol li ma jidhirlux li huma fit-tender, u għalhekk staqsa biex jkun iċċekkjat jekk jistax jsir *sub contracting.*

**59.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**59.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**59.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Jannar 2023. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**59.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:45pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-16 ta' Mejju 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 11 ta' April 2023.

IFFIRMATI
Perit Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv